

# Nota ta' informazzjoni dwar it-trasferimenti tad-data skont il-GDPR lir-Renju Unit wara l-perjodu ta' tranżizzjoni

Adottata fil-15 ta' Diċembru 2020  
Aġġornata fit-13 ta' Jannar 2021

Translations proofread by EDPB Members.  
This language version has not yet been proofread.

Qabel ma ntemm il-perjodu ta' tranżizzjoni għall-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea fil-31 ta' Diċembru 2020, l-UE u r-Renju Unit laħqu ftehim fl-24 ta' Diċembru 2020 (il-“Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit” jew il-“Ftehim”)<sup>1</sup>.

Il-Ftehim ġie ffirmat mill-UE u mir-Renju Unit fit-30 ta' Diċembru 2020. Il-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit beda japplika mill-1 ta' Jannar 2021 fuq bażi proviżorja sat-28 ta' Frar 2021, sabiex jipprovdji żmien lill-Parlament Ewropew biex jagħti l-kunsens tiegħu dwar il-Ftehim u lill-Kunsill tal-UE biex jadotta d-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Ftehim.

Il-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit jipprevedi li, għal perjodu speċifiku u bil-kundizzjoni li r-reġim attwali tal-protezzjoni tad-data tar-Renju Unit jibqa' fis-seħħi, it-trasferimenti kollha ta' data personali bejn il-partijiet ikkonċernati soġġetti għall-GDPR u l-entitajiet tar-Renju Unit ma jitqisux bħala trasferimenti lejn pajjiż terz soġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu V tal-GDPR<sup>2</sup>. Din id-dispożizzjoni interim tapplika mid-dħul fis-seħħi tal-abbozz tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit għal perjodu massimu ta' sitt xħur (jiġifieri, sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2021).

<sup>1</sup> Ara l-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit, [https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:22020A1231\(01\)&from=MT](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:22020A1231(01)&from=MT)

<sup>2</sup> Ara l-Artikolu FINPROV.10A “Dispożizzjoni interim għat-trażmissjoni ta’ data personali lir-Renju Unit”, Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit. Ara wkoll il-Mistoqsijiet u t-Tweġibiet tal-Kummissjoni Ewropea: Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit, taħt il-parti dwar is-Sigurtà, l-Infurzar tal-Liġi u l-Kooperazzjoni Għidżżejjha f'Materji Kriminali [https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/qanda\\_20\\_2532](https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/qanda_20_2532)

Dan ifisser li l-organizzazzjonijiet soġġetti għall-GDPR se jkunu jistgħu jkomplu jittrasferixxu d-*data* lill-organizzazzjonijiet tar-Renju Unit mingħajr il-ħtieġa li jew idaħħlu fis-seħħi għoddha ta' trasferiment skont l-Artikolu 46 tal-GDPR jew jiddependu minn deroga skont l-Artikolu 49 tal-GDPR.

Jekk ma tiġi adottata l-ebda deċiżjoni ta' adegwatezza applikabbli għar-Renju Unit skont l-Artikolu 45 tal-GDPR sa mhux aktar tard mill-30 ta' Ġunju 2021, it-trasferimenti kollha ta' *data* personali bejn il-partijiet ikkonċernati soġġetti għall-GDPR u l-entitajiet tar-Renju Unit imbagħad jikkostitwixxu trasferiment ta' *data* personali lil pajjiż terz u għalhekk ikunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu V tal-GDPR. Għaldaqstant, tali trasferimenti se jirrikjedu salvagwardji xierqa (eż. klawżoli standard dwar il-protezzjoni tad-*data*, regoli korporattivi vinkolanti<sup>3</sup>, kodicijjiet ta' kondotta...) bi drittijiet infurzabbli tas-suġġett tad-*data* u rimedji legali effettivi għas-suġġetti tad-*data*, f'konformità mal-Artikolu 46 tal-GDPR.

Soġġett għal kundizzjonijiet spċifici, jista' xorta jkun possibbli li jsir trasferiment ta' *data* personali lejn ir-Renju Unit abbażi ta' deroga elenkata fl-Artikolu 49 tal-GDPR. Madankollu, l-Artikolu 49 tal-GDPR għandu natura ta' eċċeżżjoni u d-derogi li fih għandhom jiġi interpretati b'mod restrittiv u prinċipalment huma relatati ma' attivitajiet ta' pproċessar li huma okkażjonali u mhux ripetittivi<sup>4</sup>.

Barra minn hekk, fejn id-*data* personali se tiġi ttrasferita lejn ir-Renju Unit abbażi tas-salvagwardji tal-Artikolu 46 tal-GDPR, jistgħu jkunu meħtieġa miżuri supplimentari biex il-livell ta' protezzjoni tad-*data* ttrasferita jinġieb fl-istess livell tal-istandard tal-UE tal-ekwivalenza essenzjali, f'konformità mar-Rakkmandazzjonijiet 01/2020 dwar miżuri li jissupplimentaw għodod ta' trasferiment biex tiġi żgurata l-konformità mal-livell tal-UE ta' protezzjoni tad-*data* personali<sup>5</sup>.

Il-kontrolluri u/jew il-proċessuri se jkollhom ukoll jikkonformaw ma' obbligi oħra li jirriżultaw mill-GDPR, b'mod partikolari dwar il-ħtieġa li jiġi aġġornati r-rekords tal-avviżi dwar l-ipproċessar u l-privatezza biex jissemmew it-trasferimenti lejn ir-Renju Unit.

L-EDPB ifakk il-għalli fil-għidha pprovduta dwar din il-kwistjoni mill-awtoritajiet superviżorji u mill-Kummissjoni Ewropea (KE). L-organizzazzjonijiet taż-ŻEE jistgħu jirrikorru, jekk ikun meħtieġ, għand l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali kompetenti biex jissorveljaw l-attivitajiet ta' pproċessar relatati.

Għal trasferimenti ta' *data* mir-Renju Unit lejn iż-ŻEE, l-EDPB jissuġġerixxi li jiġi kkonsultati regolarmen is-sit web tal-Gvern tar-Renju Unit u s-sit web tal-ICO għal gwida aġġornata.

## Għall-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*

Il-President

<sup>3</sup> Ara n-nota ta' informazzjoni tal-EDPB dwar il-BCRs għall-Gruppi ta' impriżi / intraprzi li jkollhom ICO bħala BCR Lead SA (Awtorità Superviżorja Ewljenja tar-Regoli Korporattivi Vinkolanti), [https://edpb.europa.eu/our-work-tools/our-documents/other/information-note-bcrs-groups-undertakings-enterprises-which-have\\_mt](https://edpb.europa.eu/our-work-tools/our-documents/other/information-note-bcrs-groups-undertakings-enterprises-which-have_mt)

<sup>4</sup> Ara l-Linji Gwida 02/2018 dwar id-derogi tal-Artikolu 49 skont ir-Regolament 2016/679, [https://edpb.europa.eu/our-work-tools/our-documents/directives/guidelines-2018-derogations-article-49-under-regulation\\_mt](https://edpb.europa.eu/our-work-tools/our-documents/directives/guidelines-2018-derogations-article-49-under-regulation_mt)

<sup>5</sup> Ara r-Rakkmandazzjonijiet 01/2020 dwar miżuri li jissupplimentaw għodod ta' trasferiment biex tiġi żgurata l-konformità mal-livell tal-UE ta' protezzjoni tad-*data* personali, [https://edpb.europa.eu/our-work-tools/public-consultations-art-704/2020/recommendations-012020-measures-supplement-transfer\\_mt](https://edpb.europa.eu/our-work-tools/public-consultations-art-704/2020/recommendations-012020-measures-supplement-transfer_mt)

(Andrea Jelinek)

---